**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, 9 ta' Gunju 2020**

**Rikors Guramentat numru:- 96/2019BS**

**Anthony Calleja**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta:

1. *Illi r-rikorrenti Anthony Calleja, hu iben il-mejtin Giuseppe Calleja u Giorgia Calleja nee' Vella, kopja tal-Karta tal-Identita' tieghu qieghda tigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;*

2. *Illi Giorgia Calleja nee' Vella (sui riferita), hija bint il-mejtin Salvatore Vella u Anna Vella nee' Galea, dan kif anke jirrizulta mill-Att tal-Mewt ta' Giorgia Calleja nee' Vella li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni wiehed u hamsin tas-sena elfejn u wiehed (51/2001), hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;*

3. *Illi Anna Vella nee' Galea, bint il-mejtin Giorgio Galea u Maria Galea nee' Teuma twieldet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Marzu tas-sena elf tmien mija u disgha u tmenin (1889) dan kif anke jirrizulta mill-Att tat-twelid taghha li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni mija u tnejn u tmenin tas-sena elf tmien mija u disgha u tmenin (182/1889), hawn anness u mmarkat bhala Dok. C u mietet fl-*

*erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u sebghin (1972), dan kif anke jirrizulta mill-Att tal-Mewt taghha li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni mija u sitta u sebghin tas-sena elf disa' mija u tnejn u sebghin (176/1972), hawn anness u mmarkat bhala Dok. D;*

4. *Illi Salvu Vella (li kien mizzewweg lil Anna Vella Nee' Galea) miet fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (1978), u dan jirrizulta mill-Att tal-Mewt tieghu li jgib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni disgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (89/1978), hawn anness u mmarkat bhala Dok. E;*

5. *Illi ricentament l-istess rikorrenti ntebah li fl-istess att ta' Mewt ta' Salvu Vella (cioe' r-ragel ta' Anna Vella Nee' Galea) fil-kolonna tat-taghrif "Jekk ghazeb/xebba mizzewweg/mizzewga armel/armla" gie imnizzel erronjament bhala "Widower of Anna Nee' Vella", u mhux 'widower of Anna nee' Galea';*

6. *Illi r-rikorrenti, minbarra l-htiega li d-dokument ufficjali li jirriflettu l-verita' tal-fatti fir-rigward tal-persuni li l-partikolaritajiet taghhom jidhru fuq l istess dokument ufficjali, ghandu fl-interess tieghu li d-dettalji jirriflettu l partikolaritajiet ezatti tal-persuna msemmija f'kwalunkwe dokumenti ufficjali lill-antenanti tieghu;*

7. *Illi l-attur jixtieq jikkoregi dan l-zball sui riferit (fl-att tal-Mewt ta' Salvu Vella) sabiex il-kunjom tan-nanna materna tieghu ta' xebba jitnizzel b'mod korrett u dan stante illi qeghdin jinholqu nkongruwenzi;*

8. *Illi l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Kodici Civili, jaghti d-dritt lir-rikorrenti jaghmel talba lill-Qorti ghall-korrezzjoni jew kancellament ta' registrazzjoni, bhal dik taht ezami fir-rikors odjern u cioe' fic-certifikat tal-mewt ta' Salvu Vella;*

Talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-kunjom ta' xebba mnizzel taht il-kolonna "Jekk ghazeb/xebba mizzewweg/mizzewga armel/armla" fic-certifikat tal-mewt ta' Salvu Vella bin-numru progressiv disgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (89/1978) (Dokument E), u cioe' Widower of Anna Nee' Vella" fil-fatt ma jirriflettix il-vera stat ta' fatt fir-rigward tal-identita' tal-mara tal-istess Salvu Vella;*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi li fil-fatt il-kunjom ta' xebba tal-mara tal-istess Salvu Vella kien 'Galea' u mhux 'Vella';*

3. *Tordna in oltre li l-kunjom taht il-kolonna "Jekk ghazeb/xebba mizzewweg/mizzewga armel/armla", fic-certifikat tal-mewt tal-istess Salvu Vella (Dokument E) jigi mibdul u cioe' tithassar il-kelma: "Vella" u minflok tidhol il-kelma: "Galea";*

4. *Tiddikjara u tiddeciedi li fl-Att ta' mewt ta' Salvu Vella u cioe' fic-certifikat tal-mewt bin-numru progressiv disgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (89/1978) (Dokument E) illi fil-kolonna "Jekk ghazeb/xebba mizzewweg/mizzewga armel/armla" tithassar il-kelma: "Vella" u minflok tidhol il-kelma: "Galea";*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa minn issa ingunt biex jidher in subbizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex illi eccepixxa:

1. *Illi fir-rigward tal-korrezzjoni li qeghda tigi mitluba mir-rikorrenti fic-certifikat tal-mewt tan-nannu matern tieghu Salvu Vella, li jgib in-numru disgha u tmenin (89) tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (1978), l-esponenti jecepixxi illi kunjom xebba tal-mara tal-imsemmi Salvu Vella f'dak ic-certifikat kellu jkun Galea u mhux Vella kif irrizulta a bazi tal-informazzjoni li nghatat lill-ufficjal inkarigat tal korp tal-pulizija mill-persuna li rregistrat l-mewt tieghu;*

2. *Illi dan ifisser li ma sar l-ebda zball da parti tal-esponenti u c-certifikat tal-mewt tan-nannu matern tieghu Salvu Vella kien qed jirrifletti l-informazzjoni li nghatat dak iz-zmien, u dana kif jirrizulta fuq ic-certifikat tal-mewt (li gie ezebit mar-rikors guramentat bhala Dok. E);*

3. *Illi fil-kaz odjern jidher li hemm zball fl-imsemmi certifikat tal-mewt ta' Salvu Vella u dan anke meta wiehed jiehu inkonsiderazzjoni l-Att tat-twelid ta' martu Anna Vella nee' Galea bin-numru mija u tnejn u tmenin (182) tas-sena elf tmien mija u disgha u tmenin (1889) (li gie ezebit mar-rikors guramentat bhala Dok. C) u dak tal-mewt tal-istess Anna Galea bin-numru mija u sitta u sebghin (176) tas-*

*sena elf disa' mija u tnejn u sebghin (1972) (li gie ezebit mar-rikors ġuramentat bhala Dok. D);*

4. *Illi stante s-suespost, jidher bic-car illi l-kunjom xebba ta' Anna Vella fic-certifikat tal-mewt ta' zewgha Salvu Vella kellu jkun Galea u mhux kif erronjement immarkat bhala Vella. Ghaldaqstant, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

5. *Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponent jissottometti illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribbwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza.*

6. *Bl-ispejjez kolllha kontra r-rikorrenti li qed jigi ngunt in subizzjoni.*

Rat id-dokumenti pprezentati mir-rikorrent annessi mar-rikors guramentat.

Semghet is-sottomissjonijiet verbali tal-partijiet.

**IL-PROVI.**

Ir-rikorrent fetah din il-kawza u qed jitlob lill-Qorti sabiex fic-certifikat tal-mewt ta' Salvu Vella li jig in nannu matern tieghu, isir tibdil billi tithassar il-kelma "Vella" li fic-certifikat kif inhu llum tirreferi ghall-kunjom ta xebba tal-mara ta' l-istess Salvu. Din kien jisimha Anna u tigi n-nanna materna tar-rikorrent.

Jirrizulta illi kunjom Anna xebba ma kienx "Vella" izda "Galea" u dan johrog car mill-Att tat-twelid li gie esebit in atti u jinsab a fol.8 tal-process.

Id-Direttur intimat jargumenta illi fil-waqt illi huwa minnu illi hemm zball fic-certifikat identifikat mir-rikorrent u ghalhekk jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti, madanakollu dan ma hux rizultat ta' xi zball tieghu u ghalhekk huwa ma ghandux ibati spejjez.

**IKKUNSIDRAT.**

It-talba fil-kawza odjerna hija talba ghall-korrezzjoni ta' kunjom. Hu ben saput illi tali talba hija aktar imprekattiva legalment ghax tista' ssir biss jekk jirrizulta li kien hemm zball f'dak il-kunjom kif registrat. Fil-fatt il-Qrati Maltin fid-decizjonijiet taghhom dejjem zammew rigidi fil-kaz ta' korrezzjoni fil-kunjom. Tant hu hekk illi l-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet illi[1] :

*"… Ghal din it-talba d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma oggezzjonax u fil-fatt inghata digriet f'dan is-sens. Din il-korrezzjoni hija ferm importanti biex dak li jitlob l-attur jista' jigi milqugh, stante illi b'dan l-Att tat-Twelid tieghu m'huwiex se jigi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li ghandhom terzi persuni zgur se jkunu mharsin. Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma' certu ndividwu jkunu f'pozizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista' jkun komplet, u kien proprju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, il-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti nfatti qalet hekk:- "Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicato"*.

Il-konkluzzjoni illi tinstilet minn din id-decizjoni hija ghalhekk, illi l-interess tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fi proceduri bhal dawn huwa li jipprotegi l-interess ta' terzi jew ahjar l-interess pubbliku. Logikament ghalhekk jekk mill-provi jirrizulta illi l-interess imsemmi ma jkunx ser jigi lez, ma ghandux ikun hemm oggezzjoni ghat-talba ta' rikorrent li jitlob il-korrezzjoni ta' kunjomu pero' sakemm din it-talba ma tkunx qed issir b'kapricc, f'liema kaz dik it-talba ma tistax tigi akkolta.

Mill-fatti kif irrizultaw fil-kaz odjern, izda, din il-Qorti ma jidrilhiex illi t-talba tar-rikorrenti giet vantata kapriccozament, kif wara kollox indika d-

[1] John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku, Appell, 2 ta' Marzu, 1994.

Direttur intimat fir-risposta tieghu, tant illi fit-tielet paragrafu tar-risposta guramentata ddikjara illi jidher illi hemm zball fic-certifikat tal-mewt ta' Salvu Vella. Din il-konkluzzjoni dan l-intimat wasal ghaliha minn accertament illi effetwa tac-certifikat tat-twelid ta' Anna Vella nee` Galea kif ukoll tac-certifikat tal-mewt ta' l-istess Anna Galea.

Tenut kont ta' dan kollu, u maghdud mal-fatt illi d-Direttur intimat ma sabx oggezzjoni ghat-talba ta' korrezzjoni u rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqaghhom.

Barra minn hekk jirrizulta mill-atti li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta saret tant illi l-intimat Direttur irtira l-eccezzjoni sollevata minnu.

Billi ma jirrizulta ebda tort da parti tal-konvenut Direttur dan ma ghandux ibati spejjez.

**Decide.**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li l-kunjom ta' xebba mnizzel taht il-kolonna "Jekk ghazeb/xebba mizzewweg/mizzewga armel/armla" fic-certifikat tal-mewt ta' Salvu Vella bin-numru progressiv disgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (89/1978) (Dokument E), u cioe' Widower of Anna Nee' Vella" fil-fatt ma jirriflettix il-vera stat ta' fatt fir-rigward tal-identita' tal-mara tal-istess Salvu Vella;

2. **Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara li l-kunjom ta' xebba tal-mara tal-istess Salvu Vella kien 'Galea' u mhux 'Vella';

3. **Tilqa' t-tielet talba** u tordna li l-kunjom taht il-kolonna "Jekk ghazeb/xebba mizzewweg/mizzewga armel/armla", fic-certifikat tal-

mewt tal-istess Salvu Vella jigi mibdul billi tithassar il-kelma: "Vella" u minflokha tidhol il-kelma: "Galea";

4. **Tilqa' r-raba' talba** u tiddikjara li fl-Att ta' Mewt ta' Salvu Vella bin-numru progressiv disgha u tmenin tas-sena elf disa' mija u tmienja u sebghin (89/1978) fil-kolonna "Jekk ghazeb/xebba mizzewweg/mizzewga armel/armla" tithassar il-kelma: "Vella" u minflokha tidhol il-kelma: "Galea";

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ai termini ta' l-Artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent.

(ft.) **Dr. Brigitte Sultana**
**Magistrat**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**D/Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**